# LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

## It-Tnejn 15 t'April, 2024

### RAPPORT AMMINISTRATTIV IMĦEJJI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV, GĦAL-PERJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2023

Din hija l-ħames sena tat-tmien leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, mmexxija mis-Sindku l-Perit Christopher Grech.

It-tmien leġislatura hija magħmula min:

Perit Christopher – Sindku

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Infrastruttura
- Proġetti

Responsabiltajiet Oħra:

- Proġetti Urbani Parks fil-Mosta
- Finanzi
- PPP
- Fond għall-Iżvilupp Urban
- Komunità Kummerċjali
- Turiżmu
- Trasport Pubbliku
- Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Manutenzjoni ta' Toroq
- Awtorità ta' l-Ippjanar
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Permessi nklużi dawk tal-Festi (Viċi)
- Ambjent (Viċi)
- Paġna ta' Facebook.

Rachel Abela – Viċi Sindku

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Ambjent
- Ħarsien ta' Widien

Responsabiltajiet Oħra:

- Dwal tat-Toroq
- Ġonna Pubbliċi

<u>Keith Cassar – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Komunitajiet

Responsabiltajiet Oħra:

- Festi
- Ħruġ ta' Permessi nklużi dawk tal-Festi, u Eżekuzzjoni
- Bord tal-Claims
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Kumitat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Inventarju (Permessi *loading/unloading bays, disabled bays*, spazji riservati)
- Mwejjed u Siġġijiet, u Infurzar
- Infurzar: LESA, Pulizija, Vetturi Skrappjati, CCTV fil-Mosta

<u>Frans Deguara – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Anzjani

Responsabiltajiet Oħra:

- Kumitat tal-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Rivista ta-Kunsill

<u>Dott. Angele Rapa – Kunsilliera</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Integrazzjoni Soċjali

Responsabiltajiet Oħra:

- Pariri Legali

<u>Joseph Gatt – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Innovazzjoni

Responsabiltajiet Oħra:

- Enerġija Rinnovabbli
- Kwalità ta' Arja Aħjar
- Bord ta' l-Interviews

<u>Aiken Zerafa – Kunsillier</u>

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Sports
- Attivitajiet Fiżiċi

Maria Pia Bonnici – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Indafa
- Ħarsien ta' L-Annimali

Responsabiltajiet Oħra:

- Fondi Ewropej
- Youth Empowerment Centre
- Day Centre
- Bord tal-Claims
- Kumitat ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku
- Bord ta' l-Interviews
- Ġbir ta' Skart, inkluż skart goff

Marvic Camilleri – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Kultura

Responsabiltajiet Oħra:

- Patrimonju Mosti
- Għaqdiet Mostin
- Attivitajiet kulturali ġewwa l-Mosta
- Ħarġiet Kulturali
- Ġieħ il-Mosta / Jum il-Mosta
- Ġemellaġġi
- Bord ta' l-Interviews (sostitut)

Danny Farrugia – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Għajnuna Soċjali

Responsabiltajiet Oħra:

- Mosta Solidali u Grupp Tislima
- Problemi ta' Housing

George Borg – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Edukazzjoni

Responsabiltajiet Oħra:

- Proġetti (Viċi)
- Bord ta' l-Interviews
- Kumitat ta' l-Immaniġġjar tat-Traffiku

Anna Galea – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Proġetti
- Skemi

- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Proġetti (Viċi)
- Applikazzjoni biex il-lokalità tal-Mosta issir Belt

<u>Jesmond Gauci – Kunsillier</u>

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Żgħażagħ u Tfal

## ❖ <u>Xogħol Amministrattiv</u>

Mid-dipartiment tal-*customer care* kien fadal sejħa oħra għal impjegat fuq skala 16, liema persuna ntgħażlet u bdiet mal-Kunsill f'Jannar 2023, u għalhekk il-*customer care* issa huwa komplut bi tlett impjegati.

Wara żewġ riżenji, kellna wkoll proċess ta' impjieg fejn nħarġet sejħa għal-żewġ impjegati fuq skala 15, għar-*reception.* Dan il-proċess kważi ngħalaq wkoll fejn għad fadal biss impjieg ta' persuna oħra. Dan kien proċess twil ħafna, peress li ma stajniex insibu persuna eliġibbli.

Kien hemm wkoll riżenja ta' impjegata mil-*back office*, fejn imbeda l-proċess ta' impjieg mal-JobsPlus.

Il-ħidma tal-Kunsill ma tieqafx, u bħala l-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill l-ewwel mira tiegħi hi li dejjem nindirizza l-amministrazzjoni tal-Kunsill biex flimkien ma l-istaff tiegħi naraw kif nistgħu naħdmu flimkien b'mod aħjar u effiċjenti ħalli nipprovdu l-aħjar servizz possibbli lil-pubbliku, u għalhekk nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja l-istaff kollu tal-Kunsill.

## ❖ <u>Ilmenti</u>

Il-Kunsill jirċievi bosta l-menti li uħud minnhom ma jkunux jaqaw taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, fejn f'każijiet bħal dawn xorta nressqu l-ilmenti lil entitajiet governattivi oħrajn, fejn jista' jkun meħtieġ aktar żmien biex tingħata risposta, imma nagħmlu l-għalmu tagħna sabiex nissodisfaw t-talbiet tar-residenti, u fl-iqsar żmien possibbli.

## ❖ <u>Prattiċi tax-Xogħol</u>

Rigward prattiċi tax-xogħol (*work practices*) dejjem nippruvaw nimplimentaw metodi ġodda ta' kif nistgħu naħdmu aħjar, mhux biss biex nipprovdu l-aħjar servizz, imma wkoll biex nkunu effiċjenti billi niprovdu programmi u għodda biex l-impjegati jaħdmu aħjar, u r-residenti jkollhom servizz mil-aqwa.

## ❖ <u>Finanzi</u>

Kull Kunsill lokali f'Malta u Għawdex ta' kul sena jara kif jista' jagħmel aktar xogħlijiet u jinvesti aktar fil-lokalità tiegħu bl-ammont ta' flus li jirċievi mill-Gvern Ċentrali kif wkoll billi japplika

għal-skemi u fondi li jinħarġu min żmien għal żmien mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mid-Development Fund tal-Awtorità ta’ l-Ippjanar, Fondi mil-LESA u l-ERA, u fondi oħra Ewropej li l-Kunsill jkun jista’ japplika.

Għas-sena 2023 il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta’ 1,449,798 Ewro mill-Gvern Ċentrali, liema allokazzjoni kienet maqsuma hekk kif inhu ġej:

- Tisbiħ u Manutenzjoni tal-Parki u Ġonna € 70,777 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
- Fondi għal-Latrini Pubbliċi € 8,031 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
- Tiswija u Manutenzjoni ta’ Toroq:
  - <u>Urbani:</u> Sinjali u Marki tat-Traffiku € 231,108 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
  - <u>Mhux Urbani</u>:
    - Sinjali u Marki tat-Traffiku € 50,760 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
  - Knis ta’ Toroq Urbani € 166,572 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
  - Tindif ta’ Toroq mhux Urbani € 22,560 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
- Immaniġġjar tal-iskart
  - Ġbir ta’ Skart u *Bins on Wheels* € 432,043 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
  - *Waste Tipping Fees* € 147,589 (l-ebda żieda mis-sena 2022)
- Spejjeż ta’ Amministrazzjoni € 320,359 (żieda ta’ €14,008 mis-sena 2022)

## ❖ Laqgħat tal-Kunsill u Laqgħa Pubblika

Matul is-sena 2023 issejħu 17 il-laqgħa tal-Kunsill u 2 laqgħat pubbliċi. Saru 13 il-laqgħa tal-Kunsill, 1 b’urġenza, 1 posposta u 2 ġew ikkanċellati. Laqgħat pubbliċi saru tnejn, waħda fit-2 ta’ Mejju u l-oħra fl’14 ta’ Diċembru, 2023.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabelli ta’ hawn taħt:

| Laqgħat tal-Kunsill | Preżenti | Skużati | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Chris Grech | 14 | 0 | 0 |
| Viċi Sindku Rachel Abela | 14 | 0 | 0 |
| Kunsillier Keith Cassar | 10 | 1 | 3 |
| Kunsillier Frans Deguara | 11 | 2 | 1 |
| Kunsillier Angele Rapa | 6 | 3 | 5 |
| Kunsillier Joseph Gatt | 11 | 2 | 1 |
| Kunsillier Aiken Zerafa | 12 | 1 | 1 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kunsillier Mikhail Micallef | 2 | 2 | 1 |
| Kunsillier Maria Pia Bonnici | 8 | 4 | 2 |
| Kunsillier Marvic Camilleri | 11 | 1 | 2 |
| Kunsillier Danny Farrugia | 12 | 2 | 0 |
| Kunsillier George Borg | 11 | 3 | 0 |
| Kunsillier Anna Galea | 14 | 0 | 0 |
| Kunsillier Jesmond Gauci | 6 | 3 | 0 |

| Laqgħat Pubbliċi tal-Kunsill 2023 | Preżenti | | Skużat | | Assenti | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 02/05 | 14/12 | 02/05 | 14/12 | 02/05 | 14/12 |
| Sindku Christopher Grech | ✓ | ✓ | | | | |
| Viċi Sindku Rachel Abela | ✓ | ✓ | | | | |
| Kunsillier Keith Cassar | | | | | ✓ | ✓ |
| Kunsillier Frans Deguara | ✓ | ✓ | | | | |
| Kunsilliera Dr Angele Rapa | | | | | ✓ | ✓ |
| Kunsillier Joseph Gatt | | | ✓ | ✓ | | |
| Kunsillier Aiken Zerafa | | ✓ | ✓ | | | |
| Kunsilliera Maria Pia Bonnici | ✓ | ✓ | | | | |
| Kunsillier Marvic Camilleri | | | ✓ | | | ✓ |
| Kunsillier Danny Farrugia | ✓ | ✓ | | | | |
| Kunsillier George Borg | ✓ | | | ✓ | | |
| Kunsilliera Anna Galea | ✓ | ✓ | | | | |
| Kunsillier Jesmond Gauci | | | | | | ✓ |

❖ Affarijiet Oħra.

Proġetti u attivitajiet li saru matul is-sena 2023 ser jiġu trattati fir-rapporti li qed jiġu ippreżentati mis-Sindku u mil-Kunsilliera responsabbli mid-Dekasteri tagħhom, li qed jiġu annessa mal-minuti bħala Appendiċi.

❖ Konklużjoni.

Bħala Kap Eżekuttiv, Kap Amministrattiv u Kap Finanzjarju jiena flimkien ma l-istaff nagħtu s-sehem kollu tagħna għall-ġid tal-lokalità, u għalhekk infakkar lir-residenti biex jikkomunikaw aktar magħna għax wara kollox l-għan tal-Kunsill huwa biex jaħdem id f'id mar-residenti.

Grazzi.

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv